Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11056/23

SOC 472
EMPL 326
GENDER 130

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Csilla VARGA, membru supplenti għall-Ungerija, minflok is-Sa Rita NAGYLAKI, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Rita NAGYLAKI, bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Ungerija).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar tmintax-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perjodu ta' tliet snin. Il-membri maħtura u membri supplenti jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenza b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.

3. Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[2] ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

4. Il-Gvern tal-Ungerija ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025:

Is-Sa Csilla VARGA
Policy Officer for International Relations
Women's Policy Unit
Ministry of Culture and Innovation
Szalay utca 10-14
1055 Budapest
Hungary
Tel: +36 1 7953176
Indirizz elettroniku: csilla.varga2@kim.gov.hu

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022[4] il-Kunsill ħatar, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Rita NAGYLAKI sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-Gvern tal-Ungerija ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[3] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[4] ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

Artikolu 1

Is-Sa Csilla VARGA hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Rita NAGYLAKI għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President